# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002.**

**Numru 8**

**Avviz numru 726R/89**

**Adrian Mifsud bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd u b'nota ta' l-24 ta' Settembru, 1993 Bernard Sultana assuma l-atti tal-kawza minflok Adrian Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' billi jinsab imsiefer.**

**vs**

**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti qed tqis f'dan l-istadju procedura ta' ritrattazzjoni ta' din il-kawza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Gunju 1993 f'din is-sentenza :-

"Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-4 ta' Novembru 1992 li taqra hekk :-

"Il-Qorti,

Rat it-talba ghall-kundanna tal-konvenut nomine biex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm55 rapprezentanti l-ammont imhallas zejjed u indebitament minnu lill-konvenuti nomine, liema pagament ihallas "under protest" meta gie mitlub mill-konvenut nomine jaghmel il-pagament mill-crane charges, li skond it-tariffa ma ghandux ikun in eccess ghal Lm5 per container, u dawn riferibbilment ghar-ricevuti numri 00339, 00340, 01444, 02347, 00341.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur nomine, senjatament dik ghar-rifuzjoni ta' kwalsiasi ammont iehor imhallas indebitament minnu nomine lill-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal :-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine ma ghandhom ebda relazzjon guridika kwalunkwe ma' l-attur proprio et nomine.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine qdew il-funzjonijiet kollha taghhom rikjesta mil-ligi.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Semghet il-provi ;

Ikkunsidrat :-

(1) Dwar l-ewwel eccezzjoni – Il-konvenut nomine qieghed jissottometti li m'ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur nomine peress illi mid-dokumenti esebiti mill-attur nomine (Declaration and Disposal Orders) jidher li l-hlasijiet saru ghall-importaturi indikati f'dawk id-dokumenti u l-attur nomine stess xehed li hallas ghan-nom tal-principali tieghu. Hu kkontestat pero' li s-socjeta' attrici taghmel xoghol relatat mal-"clearing" tal-merkanzija tal-klijenti ta' l-istess socjeta' u li jgorru tali merkanzija fuq vapuri rapprezentati mill-istess socjeta'. Hu inekwivoku li tali xoghol jinvjolvi wkoll l-effetwar tal-pagamenti relattivi, pagamenti li jsiru mill-istess socjeta' attrici lil, inter alia, s-socjeta' konvenuta. L-enfazi li pprova jaghmel il-konvenut nomine fuq il-fatt li l-attur nomine ma esebiex ricevuti favur tieghu, hi ghal kollox barra min lokha, peress illi kull dokument esebit mill-attur nomine (Dok. 2 sa 6 u Dok A1 sa A4) jikkontjeni biss timbru tas-socjeta' konvenuta bid-data u bir-rimarka "Received Payment". Ma hemm l-ebda indikazzjoni minghand min irceviet il-pagament. L-

attur nomine ma jinsabx kontradett fix-xhieda tieghu li l-pagamenti in kwistjoni saru mis-socjeta' attrici. U jekk jirrizulta li l-pagamenti li ghamel kienu eccessivi, hi biss ghandha dritt ta' rifuzjoni. Ghalhekk ma jistax jinghad li m'hemmx relazzjoni guridika bejn iz-zewg partijiet ;

(2) Dwar it-tieni eccezzjoni – L-attur nomine qieghed jitlob ir-rifuzjoni ta' somma li qieghed jallega li hallas indebitament peress illi hija in eccess tat-tariffa stabbilita. Il-konvenut nomine m'huwiex qieghed jikkontesta l-fatt li giet mitluba u fil-fatt thallset somma oghla mit-tariffa izda sostna li dan ghamlu peress illi ntuza makkinarju ta' terzi u ghalhekk ghandu dritt jiccargja rati diffrenti bazati fuq ic-"charges" ta' terzi, u dan ghandu dritt jaghmlu peress illi fit-tariffa, fil-hames parti intitolata "Hire of Equipment", hemm indikat li "There shall be paid to the Director of Ports or his contractor for the hiring of cranes owned by him or by his contractor". Cioe' qieghed isostni li galadarba l-"cranes" m'humiex "owned by him", it-tariffa ma tapplikax.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta hija l-kuntrattur tad-Direttur tal-Portijiet, li hemm id-Director of Ports u kemm il-Cargo Handling huma "short" mill-equipment u li ghalhekk il-Cargo Handling ikollha tissubkontratta. Sar enfazi mid-Direttur tal-Portijiet u minn rapprezentanti tal-Cargo Handling li f'dawn ic-cirkostanzi l-hlasijiet iridu jkunu soggetti ghat-talbiet tat-terzi.

Izda ma jidhirx li din hija jew ghandha tkun il-posizzjoni attwali. Tant hu hekk li gie esebit dokument minn Gustav Privitelli, inkarigat mix-"shipping and counter department" tal-Cargo Handling indikat bhala Internal Memorandum li gie ccirkolat lill-persuni indikati fuqu u li jikkontjnei xi rati applikabbli b'effett mit-13 ta' Frar 1989. Skond ix-xhud dawk huma tariffi tal-Cargo Handling (mhux, mela, rati tal-kuntrattur, ossia subkontrattur), meta jqabbdu l-kuntrattur biex juza l-makkinarju tieghu biex jerfa' l-containers. U hemm tariffi li nhadmu minn certu Mr. E. Overend ta' l-accounts. Li pero' dawn it-tariffi m'humiex il-pagamenti maghmula jew li suppost huma maghmula lis-subkontratturi jirrizulta minn dak li xehed ic-chairman tal-Cargo Handling, Alfred Aquilina, meta qal li : "Mal-kuntrattur (it-terz) hemm kuntratt illi jithallas skond it-tariffa fejn hija applikabbli t-tariffa. iZda f'kazijiet ohra, bhal fil-kaz ta' delivery m'hemmx tariffa." Hija precizament din is-sitwazzjoni li hija dik korretta altrimenti l-posizzjoni tkun wahda assurta u insostennibbli fejn kulhadd irid joqghod ghat-talbiet tas-subkontrattur u jekk ikun hemm aktar minn wiehed b'talbiet li jistghu jvarjaw minn wiehed ghall-iehor.

Ghalhekk irid issa jigi ezaminat jekk it-talba ta' l-attur nomine tirrigwardax attivita' koperta mit-tariffa (parti mill-Port Regulations) jew le. L-attur nomine xehed li t-talba tieghu tirrigwarda rifuzjoni ta' somom zejda li huwa kellu jhallas ghal "Hire of Equipment" skond il-hames parti tal-Port Regulations pargrafi (1) (a) (iii) u (1) (a) (iv), liema xoghol kien jinvolvi t-tghabija ta' containers f'Laboratory Wharf ghal fuq truck jew trailer. Mhux kontestat li kien ghal dan ix-xoghol partikolari li l-attur nomine ntalab ihallas rispettivament L5 u L10 flok L2 u L4. Ghan-nuqqasijiet tal-kuntrattur imqabbad mill-awtoritajiet stess almenu f'dak li hu regolat mir-Regolamenti m'ghandux ibati l-klijent. L-ispirtu tal-ftehim bejn l-awtoritajiet tal-Ports u s-socjeta' konvenuta u anke ta' l-istess Port Regulatons zgur hu f'dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi :-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm55. Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine. B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra, spettanti lill-attur nomine ghar-rifuzjoni ta' kwalunkwe ammont iehor imhallas debitament."

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut li permezz taghha talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad it-talbiet attrici billi takkolji l-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tieghu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine appellat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat.

Essenzjalment l-aggravji ta' l-appellant huma identici ghas-sottomissjonijiet li ghamel fil-prim'istanza u li hemm riferenza ghalihom fis-sentenza appellata. Jigifieri, l-appellant fl-ewwel lok qieghed jirrepeti li huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u illi l-attur stess m'ghandux interess guridiku illi jistitwixxi di il-kawza u fit-tieni lok huwa qieghed jissottometti illi t-tariffa li fuqha ibbaza kollox l-attur appellat u anke l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha mhix applikabbli ghall-kaz ghaliex hawn hekk si tratta ta' equipment li mhuwiex la tad-Direttur tal-Port u lanqas tas-socjeta' konvenuta, imma ta' terzi li gie utilizzat u t-tariffi ghalhekk ma japplikawx.

Illi kwantu jirrigwarda l-ewwel punt, u din il-Qorti qed tiehdu fis-sens duplici tieghu, jigifieri, illi skond l-appellant, ma' l-attur ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika u li l-attur fi kwalunkwe kaz m'ghandux interess guridiku, din il-Qorti ftit ghandha xi tghid. Effettivament, anke mix-xhieda li ngabet minn naha tal-konvenut jidher li mhux biss in-negozjati anke dwar tariffi applikabbli u mhux applikabbli saru direttament mad-ditta attrici, izda, l-pagament ukoll sar mid-ditta attrici. Ghal min sar il-pagament u ghal min ma sarx huwa kompletament irrilevanti, specjalment tenut kont dak illi xehed l-attur nomine u cioe' illi huma kellhom diga' commitments u li spiccaw sburzaw iktar milli kienu dahhlu. Ghalhekk minn dan biss tohrog wahedha u bl-iktar mod car l-infondatezza ta' din l-eccezzjoni jew ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet jekk wiehed jehodhom separatament. Anzi, din il-Qorti tghid, illi thoss u tara illi fic-cirkostanzi din l-eccezzjoni kienet wahda frivola ghal kollox.

Kwantu ghall-kwistjoni l-ohra, cioe' l-meritu, din il-Qorti tiskanta kif il-konvenut jista' b'wiccu minn quddiem jigi u jippretendi li ghandu ragun f'dak li qieghed jghid. Sfortunatament, dak illi sar huwa sintomatiku ta' socjeta' fejn kulhadd jidhirlu li ghandu dritt jaghmel li jrid u ma joqghodx jistenna illi l-affarijiet jigu regolati professjonalment u legalment kif suppost. Jezistu t-tariffi u t-tariffi jirreferu ghall-kiri ta' equipment tad-Direttur tal-Port jew tal-kuntrattur tieghu. Il-kuntrattur tieghu hija d-ditta konvenuta appellanti u inutli d-ditta konvenuta appellanti tinheba wara l-fatt illi wzat equipment ta' terzi li inghata lilhom sub-appalt ghaliex dawn it-terzi jidhlu wkoll fid-definizzjoni tal-ligi una volta inghataw sub-appalt mill-kuntrattur tad-Direttur tal-Port.

Din il-Qorti tara illi l-affarijiet imisshom saru mod iehor. Jekk is-sitwazzjoni fil-port hija tali illi l-kuntratur m'ghandux bizzejjed equipment u biex jikri u jaghmel uzu minn equipment u biex jikri u jaghmel uzu minn equipment ta' terzi qed ikollu jhallas iktar minn dak li jista' jiccargja skond it-tariffa kien jispetta lilu illi jaghmel l-arrangamenti mehtiega ma' l-Awtoritajiet biex isir dak li hemm bzonn halli jkun kopert u mhux l-ewwel jaghmel li jrid u imbaghad jippretendi li ghandu l-barka tal-ligi.

Din il-Qorti fliet sewwa, bir-reqqa x-xhieda tad-Direttur tal-Port f'dan ir-rigward u thossha hafna konfortata f'dak li qed tghid. Hu ovvju illi s-socjeta' konvenuta dehrilha illi tista' taghmel li trid meta mil-ligi u mit-tariffa kienet marbuta mod iehor. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax alternattiva hlief li tikkonferma s-sentenza appellata kif ser taghmel.

> Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine appellant."

## IR-RIKORS TA' RITRATTAZZJONI

Is-socjeta' attrici The Cargo Handling Company Limited sokkombenti fis-sentenza appena kwotata talbet illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju 1993 u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza fuq kawzali tas-subincizi (e), (i) (l) u (c) tal-artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u dana bis-segwenti motivazzjoni :-

> "7) Illi l-esponenti umilment jidhirlu li ghandu ragunijiet validi biex jitlob ir-ritrattazjoni ta' din il-kawza u dan (a) a bazi tal-Artikolu 811 (e) tal-Kap 12 li jipprovdi li "Jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin" ; (b) a bazi tal-Artikolu 811 (i) li jipprovdi li hemm ritrattazzjoni jekk ikun hemm dispozizzjonijiet kontra xulxin; (c) a bazi tal-artikolu 811 (1) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew id-dokumenti tal-kawza ; u (d) a bazi tal-Artikolu 811 (c) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' l-illegittimita'.
>
> (A) Illi qed tintalab ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811 (e) tal-Kap 12 peress li din il-kawza titratta dwar allegat pagament da parti tal-attur nomine tal-"crane charges" bhala mandatarju <u>tal-importatur</u>, jew bhala agent tal-importattur skond ir-ricevuti numru 00339, 00340, 01444, 02344, u 00341 esebiti. Illi hu ammess mill-attur innifsu li <u>"l-pagamenti jkunu qed isiru ghan-nom tal-principal taghna li ghalihom inkunu qed naghmlu x-xoghol"</u> u "di piu' sostna" ahna normalment minghand il-principali nithallsu wara li nkunu ghamilna x-xoghol" u ghalhekk l-esponenti ecceppixxa li ma ghandux relazzjoni guridika mal-attur nomine, izda biss mal-importatur anke peress li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li tali DxDO u r-ricevuta tohrog fuq l-Importatur.
>
> Dwar dan din l-Onorabbli Qorti sostniet li "Ghal min sar il-pagament u ghal min ma sarx huwa kompletament irrelevanti".

Dan huwa legalment zbaljat u kontra d-disposizzjonijiet tal-Art. 1148 (2) tal-Kap 16, li jipprovdi li "l-obbligazzjoni tista' tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi f'isem u ghall-helsien tad-debitur, jew jekk tagixxi f'isem taghha nfisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur".

Dan apparti dak provdut, f'Kap 16 Titlu XVIII dwar il-Mandati u specifikatament Art. 1859, u Art 1880, u Art 50 tal-Kap 13 li jipprovdi li "All acts done by the agent on behalf of the principal, within the scope of his authority, produce directly their effect whether in favour or against the principal."

(ii) Illi di piu jirrizulta wkoll mill-fatt li skond ix-xhieda tal-attur innifsu huwa jigi rimborsat mill-principal tieghu, ghalkemm bla ma gab ebda provi f'dan il-kaz, qal li ma giex rimborzat, ghaliex qatt ma talabhom. Pero' ebda dokument ma gie esebit dwar dan, u tali tezi hija kompletament insostenibbli stante li bhala agent ghandu l-'jus retentionis' kontra l-principal tieghu ai termini tal-Art 1885 tal-Kap 16.

(b) Illi gie wkoll miksur l-Art 811(e) u saret applikazzjoni hazina tal-Ligi meta din l-Onorabbli Qorti sostniet li dan il-kaz jaqa taht il-Fifth Schedule tal-Port Regulations ghaliex jezistu Tariffli li jirreferu ghal kiri ta' equipment tad-Direttur tal-Port jew tal-kuntrattur tieghu" u sostniet li l-"equipment ta' terzi li inghata lilhom subappalt, ghaliex dawn it-terzi jidhlu fid-definizzjoni tal-ligi, una volta nghataw subappalt mal-kuntrattur tad-Direttur tal-Port.

Illi dan kollu huwa manifetament inkorrett peress li :

(a) Ai termini tal-Art 2 tal-Kap 170 kuntrattur huwa biss "persuna li tagixxi bis-sahha ta' ftehim li jkun sar mid-Direttur tal-Portijiet skond is-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (j) tas-subartikolu (1) tal-Art 6 ta' din l-Ordinanza. Art 6 (1) (J) jipprovdi li d-Direttur tal-Port jista' jidhol fi ftehim ma' kull persuna ghall-hdim jew ghall-provvediment ta' kull wahda mill-facilitajiet tal-port jew servizzi li jistghu jinhadmu jew jigu provduti mid-Direttur tal-Portijiet.

L-unika persuna kif ghandha tali ftehim mad-Direttur tal-Port kif tghid l-istess sentenza huwa biss l-esponenti nomine, allura huwa manifest li d-decizjoni tal-Qorti, hija kompletament kontra dak provdut fl-Art 32 tal-Kap 170 u d-definizzjoni ta' kuntrattur. Jidher car li din l-Onorabbli Qorti naqset li tezamina dan l-artikolu u kwantu applikat hazin il-ligi, peress li l-esponenti biss ghandu

kuntratt mal-Gvern, u ghalhekk huwa biss huwa l-kuntrattur kif maghruf minn kulhadd.

(b) Di piu ai termini tat-Taqsima XIII "Drittijiet u Rati" tal-Kap 170, Art. 29 jaghti d-dritt lid-Direttur tal-Port, li tramite l-Ministru jaghmel regolamenti dwar makkinarju, proprjeta' tal-Gvern, u fil-fatt Art 44 jiddisponi li "Disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima jghaddu ghall-oggetti proprjeta' tal-Gvern". Mela ma hemm ebda dubbju li tali Tariffa indikata mill-attur nomine ma tapplikax ghall-kaz de quo, stante li tali crane ma kienx proprjeta' tal-Gvern, anke ai termini tal-Kap 170.

(c) Di piu l-istess Legal Notice 66 tan-1975 li emandat il-Fifth Schedule Taqsima V tal-Port Rates Regulations 1969, in konsistenza mal-Kap 16 jipprovdi li "Ghandu jithallas lid-Direttur tal-Portijiet ghal Kiri ta' gruvi mobbli li jkunu proprjeta' tieghu jew tal-kuntrattur tieghu skond il-kaz., ……….." Mela jidher car li tali Tariffi citati japplikaw biss ghal cranes proprjeta' tal-esponenti u tad-Direttur tal-Port li mhux il-kaz illum.

(d) Illi di piu' Art 67 tal-Port Regulations 1966 jimponi addirittura fuq l-esponenti l-obbligu u d-dritt "li jipprovdi l-makkinarju b'dana li "in order to make available such equipment the contractor may hire such equipment from third parties". Dan huwa kollu kontra l-allegazzjoni l-esponenti jaghmel li jrid, mil-ligi johrog car li huwa tenut jaghmel dan.

L-ebda wahda minn dawn il-ligijiet ma gew applikati minn din l-Onorabbli Qorti, u di piu l-konkluzjonijiet tal-istess Onorabbli Qorti huma diametrikament kontra l-istess ligijiet, li gew injorati ghal kollox.

B. Hemm bazi ta' ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(l) li jipprovdi li hemm bazi ta' ritrattazzjoni jekk kien hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Dan jirrizulta mis-segwenti brani tas-sentenza.

C. Fl-ewwel lok il-Qorti tal-Appell sostniet li "ghal min sar il-pagament u ghal min ma sarx huwa kompletament irrilevanti." Dan meta l-kawza si tratta dwar pagament appegatment indebitu, u di piu meta hemm eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika. Pero', ghalkemm li l-Qorti qed tghid dan, ibbazat id-dczjoni taghha fuq il-klawsoli li (a) it-trattativi saru mas-socjeta' attrici, u (b) li s-socjeta' attrici allegat li sburzat iktar milli dahlet" – u dan meta l-attur innifsu xehed li qed jagixxi ta' ageng ghall-principal, u skond hu lanqas biss talab lill-principali tali rati, ghaliex ma riedx. Dawn huma certament kontradittorji ghal xulxin, iktar u iktar meta l-ewwel Qorti sostniet li fuq id-Dok 2 sa 6 u Dok A1 sa A4 "ma

hemm ebda rimarka min ghamel il-pagament, apparti dan mil-istess dokumenti hemm il-kliem 'Firma tal-Importatur jew l-agent tieghu" fejn jidher car li l-pagament sar ghan-nom tal-Importatur, tant li l-attur xehed li jigi rifuz mill-principali (f'dan il-kaz l-attur qatt ma esebixxa ebda kont).

(ii) Din l-Onorabbli Qorti sostniet li t-tariffa stabbilita' jirreferu ghall-kiri ta' equipment tad-Direttur tal-Port jew kuntrattur tieghu. Fl-istess nofs nonostante li din il-Qorti qablet li tali equipment uzat fil-kaz de quo mhux tad-Direttur tal-Port u lanqas tal-kuntrattur, imma ta' terzi, cert li sejhet tali apparat "ta' terzi", xorta applikat l-istess tariffa li tirreferi ghall-equipment proprjeta' tad-Direttur tal-Port jew kuntrattur.

(iii) L-ewwel Onorabbli Qorti sostniet li mal-kuntrattur hemm ftehim li fejn hemm it-tariffa tapplika t-tariffa. Izda f'kazijiet ohra, bhal fil-kaz ta' delivery m'hemmx tariffa." Wara spjegat li tali xoghol kien jinvolvi taghbija ta' containers ghal fuq truck li hija propria procedura ta' delivery. B'dan li ovvjament marret kontra dak li qalet qabel ghaliex applika t-tarffa anke ghal delivery.

(iv) Illi l-Qorti tal-Appell ibbazat l-konkluzjonijiet taghha fuq dak li qal id-Direttur tal-Port tant li hassitha konfortata bl-istess xhieda. Dan meta "Anthony Mangion gia' Direttur tal-Port sostna li r-Regolamenti jirreferu ghall-hlasijiet ta' kiri ta' cranes" li huma proprjeta' tieghu jew tal-kuntrattur tieghu". Sostna wkoll li (a) ma jafx illi l-Cargo Handling qed ticcargja taghha,pero' naf li qieghda zzomm charges aktar gholjin minn dawk stabbiliti fit-tariffa f'kazijiet li qed jintuza makkinarju li mhux taghha izda ta' piu sostna "Il-Cargo Handling ghandhom id-dritt iqabbdu t-terzi persuni biex jaghmlu x-xoghol u juzaw il-makkinarju ta' terzi persuni. Ma hemm xejn regolatorju dwar ic-charges li ghandhom isiru f'kazijiet bhal dawn.

Di piu sostna "Fil-fehma tieghi jekk ic-charges huma reasonable allura ma ghandhiex ghalfejn noggezzjona ghal dak li qieghed isir, di piu jekk il-Cargo Handling tikri equipment minghand haddiehor bilfors trid tkopri l-ispejjez li jkollha", u fir-Regolamenti m'hemm xejn li jikkontrolla c-charges f'kaz illi jitqabbad sub-contractor, fl-agreement jidhirli lanqas (pagna 1 sa 4 tax-xhieda datata 27 ta' Ottubru 1989). Dawn il-brani mhux talli ma jikkonfortawx dak li sostniet din l-Onorabbli Qorti, izda addirittura huma kollha l-oppost ta' dak li ntqal fis-sentenza. Apparti dan huwa ikkonfermat minn dak li xehed Alfred Aquilina fil-15 ta' Novembru 1991 u l-konvenut Godwin Abela fis-16 ta' Ottubru 1990 u Gustav Privitelli fis-27 ta' Ottubru 1989. "Dana di piu kollu sar bl-Approval tad-Direttur tal-Port" (pg 3).

(C) Qed issir ukoll ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811 (1) li tghid "jekk is-sentenza kienet l-effetti ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Ili in effetti jezistu s-segwenti zbalji :-

(i) Fil-Qorti tal-Ewwel Grad inghad li d-Dok 2 sa 6 ma jirrizultawx minghand min is-socjeta' konvenuta ircieviet il-pagament. Invece mill-istess dokumenti "D & DO" jirrizulta car li tali dokumenti sar mill-importatur jew l-agent tieghu ai termini tal-ligi.

(ii) L-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet li taqbel ma' dak li qal Alfred Aquilina u cioe' li f'kaz ta' Delivery m'hemmx tariffa". U qablet mieghu. Wara sostniet li l-kaz jirrigwarda taghbija ta' containers fuq trucks jew trailers li hija operazzjoni ta' delivery u xorta applikat it-tariffa, li paragrafu qabel qalet li ma tezistix. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-attur "ahna konna naghmlu door to door delivery ta' containrs".

(iii) L-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet li kien nuqqas tal-kuntrattur li ma kellux makkinarju, meta l-ligi u cioe' Port Regulations 1966 Section V tobbliga lill-kuntrattur li jikri minghand terzi skond Art 67 tal-istess.

(iv) Sostniet li l-Ispirtu tar-Regolamenti huwa fis-sens tal-konkluzjoni tas-sentenza. Huwa zball dan stante li r-Regolamenti huma ligi, u per se tali Regolamenti u in partikolari l-Fifth Schedule Port Rates Regulations 1969, jitkellmu biss dwar proprjeta' tad-Direttur tal-Port u l-kuntrattur. L-istess Art 44 tal-Kap 170.

(v) Din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li dak li ghamel l-espoenti kien li huwa sintomatiku ta' socjeta' fejn kulhadd jaghmel li jrid u ma joqghodx jistenna illi l-affarijiet jigu regolati professjonalment u legalment kif suppost. Certament li dan huwa zball peress li s-socjeta' konvenuta ai termini tal-Port Regulations 1966 Art 67, hija obbligata li tikri makkinarju minghand terzi u di piu mix-xhieda gia citata tad-Direttur tal-Port jirrizulta li dan ta l-approval tieghu ghal dan. L-istess japplika ghal bran tas-sentenza fejn il-Qorti sostniet li "l-affarijiet messhom saru mod iehor ……. u sostniet li l-esponenti kellu jaghmel arrangamenti ma' l-awtoritajiet. Fil-fatt jirrizulta kif premess li l-esponenti ghamel kollox (A) bid-drittijiet u poteri li taghtih il-ligi, (b) bl-approvazzjoni tad-Direttur tal-Port.

(vi) Sostniet li t-tariffi japplikaw ghall-equipment tad-Direttur tal-Port jew kuntrattur tieghu. Pero' applikat l-istess tariffi meta

jirizulta li tali equipment ma kienx proprjeta' tad-Direttur tal-Port jew tal-kuntrattur, izda equipment ta' terzi. Dan jirrizulta mis-sentenza.

(D) Qed isir ukoll ritrattazzjoni a bazi tal-Artikoli 811(c) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita'.

Illi jidher li l-kawza saret proprio mill-attur ghan-nom tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited. Huwa inkontradett li fil-pagamenti ta' tali crane charges is-socjeta' attrici agixxiet ghan-nom tal-importaturi rispettivi tal-istess merkanzija. Fil-fatt l-attur sostna li "Ahna fil-fatt l-S.M.S. inkunu gejna nkarigati mill-importatur u sostna (ghalkemm dan mhux il-kaz) ahna agenti tal-vapur ukoll. (pg. 5 – 6 tas-6.10.1989). "Ahna wkoll inkarigati mill-importatur jew ricevituri biex ahna stess naghmlulhom id-door delivery (il-kaz de quo).

Mela allura l-attur mhux il-persuna legittima biex jaghmel tali azzjoni stante li huwa biss agent jew mandatarju tal-importaturi, u meta fil-fatt s-socjeta' attrici titharrek f'xi kaz, bhala tali, dejjem titharrek bhala agent tal-vapur jew (tal-importatur). Mijiet ta' kawzi jixhdu dan, fejn l-attur jigi mharrek bhala agent. Apparti dan la darba l-importaturi huma lkoll Maltin jew residenti Malta, jew registrati Malta tali azzjoni kellha biss issir ghan-nom tal-importatur, pero' mhux biss dan ma sarx izda bhala agent, l-attur nomine mhux il-legittimu kontradittur stante li l-pagament tac-charges ma sarx proprio izda ghan-nom tal-importaturi, u ai termini tal-Artikolu 1866 tal-Kap 16, huwa prekluz li jaghmel tali azzjoni la darba l-principali u l-importatur huma Malta, ug halhekk johrog car li l-attur nomine ma huwiex il-legittimu kontradittur."

Din il-Qorti diversament presjeduta b'decizjoni in parte tal-4 ta' Mejju 1994 wara li semghet provi u sottomissjonijiet fir-rigward "in rexxindente <u>biss</u> u minghajr ebda pregudizzju fuq il-problematika globali tal-kwistjoni warrbet is-sentenza taghha tat-23 ta' Gunju 1993 biex tkun tista' tghaddi ghar-ritrattazzjoni tal-kawza u ghal dan l-iskop iddifferiet din it-trattazzjoni ghall-ezami in rescissorio". Ghamlet dan fuq is-segwenti motivazzjoni :-

“**<u>It-talba ghar-ritrattazzjoni</u>**

2. Il-Cargo Handling Co. Ltd adduciet diversi ragunijiet ghar-ritrattazzjoni :-

(a) L-ewwel raguni hija dik li hija kontemplata fis-subinciz (e) tal-art. 811 Kap. 12 :-

“…. jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin ;

Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar iinterpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni”.

Issa l-Cargo Handling qed tippretendi fl-eccezzjoni taghha illi hija m’ghandha ebda relazzjoni giuridika mal-kumpanija attrici ghaliex din kienet qed tinnegozja ghan-nom tal-principal taghha u bhala mandatarju jew agent tal-importatur, u mhux f’isimha proprju.

Jigi rimarkat illi l-giurisprudenza taghna fuq is-subincis hija diretta biex tippreciza dak li huwa spjegat bhala r-restrizzjoni tal-principju li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni :-

“In vero e’ comume dottrina assodata da costante giurisprudenza di non essere ammissibile la ritrattazipne per mala applicazione di legge quando la Corte, <u>ragionando</u> sul fatto dedotto ed <u>interpretando</u> una disposizione di legge, applica la stessa, o come, nel caso, dichiara inapplicabile la stessa, mentri si pretende essere stata erronea la fattasi interpretazione.”

Kif qalet is-senenza ta’ din il-Qorti – Sede Superjuri fis-16 ta’ Novembru 1931, Mizzi vs Portelli (XXVIII.I.636).

Fil-kaz prezenti, fuq il-fatt, per se, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Il-kumpanija attrici hij l-agent tal-bastiment li minn fuqu s-socjeta’ konvenuta hattet il-merkanzija. Il-hlas sar mill-attrici ghan-nom tal-principal taghha. Minn dan il-fatt, il-konvenuta ppretendiet li hija m’ghandhiex relazzjoni giuridika ma’ l-attrici (agent) izda, mal-principal taghha, u l-attrici m’ghandhiex lanqas interess giuridiku fil-kawza.

Is-sentenza accettat l-istess fatt u fuqu tkompli tippreciza illi n-negozjati fuq it-tariffi saru bejn il-partijiet u l-pagament sar mill-attrici, u tkompli :-

"Ghal min sar il-pagament u ghal min ma sarx huwa kompletament irrilevanti, specjalment tenut kont dak li xehed l-attur nomine u cioe' illi huma kellhom diga' "commitments" u li spiccaw sburzaw iktar milli kienu dahhlu. Ghalhekk minn dan biss tohrog wehidha u bl-aktar mod car l-infondatezza ta' din l-eccezzjoni jew ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet jekk wiehed jehodhom separatament. Anzi, din il-Qorti tghid, illi thoss u tara illi fic-cirkostanzi, din l-eccezzjoni kienet wahda frivola ghal kollox."

Dan il-kliem irid, skond il-giurisprudenza, jfisser, ghall-iskop tar-ritrattazzjoni :-

"E' spediente pure di osservare che per violazione di legge bisogna intendere la **manifesta violazione** senza confonderla con **l'interpretazione** della legge ……"
(Qorti tal-Kummerc, 23 ta' April 1872, Decesare vs Darmanin (Vol. VI p. 192).

B'dak li hemm fis-sentenza appellata ma jistax jinghad li hemm vjolazzjoni cara u manifesta tal-ligi izda, skond u fil-fehma tal-Cargo Handling Co. Ltd., hemm interpretazzjoni hazina u zbaljata tal-ligi.

(b) L-istess lament qed isir fuq parti ohra tas-sentenza – cioe' illi l-konvenuta kumpanija meta thallset minghand is-socjeta' attrici ghamlet dan arbitrarjament u s-sentenza, waqt li uzat il-maskil flok il-femminil, qalet li :-

"…… dak illi sar huwa sintomatiku ta' societa' fejn kulhadd jidhirlu li ghandu dritt jaghmel li jrid u ma joqghodx jistenna illi l-affarijiet jigu regolati professjonalment u legalment kif suppost. Jezistu t-tariffi u t-tariffi jirreferu ghal kiri ta' equipment tad-Direttur tal-Port jew tal-kuntrattur tiegu".

Issa mill-provi li hemm fil-process, jidher illi dan li hawn inghad jikkostitwixxi applikazzjoni hazina tal-ligi, ghaliex **b'uzu** kummercjali, kontemporaneju, almenu, ghall-istess regolamenti tariffarji, l-posizzjoni giuridika kellha tigi ezaminata minn din il-Qorti – f'dik il-prospettiva giuridika biex tara jekk dan l-uzu, li jidher li "prima facie" jezisti, ghandux japplika qabel ma gew flok ir-regolamenti tal-Port. Huwa bizzejjed maghruf, fid-dinja kummercjali – bhal mahija dik fejn joperaw u jinnegozjaw iz-zewg

kumpaniji kummercjali, partijiet f'din il-kawza, l-uzu jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom immedjatament – wara dak li jipprovdi l-Kodici tal-Kummerc u qabel kull ligi ohra inkluz il-Kodici CIvili.

3. Wara dan, m'huwiex il-kaz li l-Qorti tezamina u tiddeciedi fuq il-pretensjonijiet l-ohra tal-konvenuta."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Din il-Qorti tippreciza qabel xejn illi l-konsiderazzjonijiet taghha kienu necessarjament arginati bit-termini ta' dik il-parti tal-aggravju li din l-istess Qorti rriteniet li kien gustifikat biex jaghti lok ghal smiegh mill-gdid tal-kawza. Dak cioe' illi qieset illi kien jikkostitwixxi applikazzjoni hazina tal-ligi ghaliex il-posizzjoni guridika f'din il-kawza kellha skond dik is-sentenza tigi ezaminata mill-Qorti fil-perspettiva tal-allegat uzu kummercjali u dana fuq kollox biex tikkonstata illi tali uzu jidher li prima facie jezisti u ma kellux japplika qabel ma jew flok ir-regolamenti tal-port. Din kienet l-unika kawzali illi din il-Qorti kellha tikkonsidra billi l-aggravji l-ohra kollha avanzati mir-ritrattand fir-rikors tieghu gew kollha rigettati minn din il-Qorti. Dan qed jinghad ghaliex fit-trattazzjoni in rescissorio maghmula quddiem din il-Qorti diversament presjeduta jidher li gew permessi sottomissjonijiet illi jmorru lil hinn minn dak li ddefiniet is-sentenza tal-4 ta' Mejju 1994 u effettivament huma tentattiv da parti tas-socjeta' ritrattanda biex tiftah berah dibattitu fuq il-mertu kollu li jkopru l-eccezzjonijiet kollha minnha sollevati ghat-talbiet attrici.

Dan sforz biex l-istess socjeta' konvenuta tuza l-procedura straordinarja ta' ritrattazzjoni bhala mezz ta' rikonsiderazzjoni mill-gdid tal-mertu mill-Qorti tat-tielet grad. Dan hu ghal kollox inaccettabbli fis-sistema gudizzjarja nostran. Din il-Qoti kienet allura ser tiskarta kull prova u sottomissjoni li ma jkunux precizament jinkwadraw ruhhom fit-termini tal-motivazzjoni tar-ritrattazzjoni kif accettati u delinejati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 1994.

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(a) L-allegazzjoni tal-ezistenza ta' uzu kummercjali in sostenn tad-difiza tas-socjeta' konvenuta ma gietx sollevata quddiem l-ewwel Qorti u cioe' quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati bhala eccezzjoni la diretta u formali u lanqas indiretta u informalment f'xi nota ta' osservazzjonijiet. Gustament allura dik il-Qorti ma trattatx il-mertu minn dak l-aspett. Fil-verita' lanqas setghet hekk titrattah ghaliex il-mertu qatt ma gie impostat quddiemha f'dawn it-termini.

(b) Il-Qorti tinnota wkoll illi lanqas fil-petizzjoni tal-appell mis-sentenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati quddiem din il-Qorti ma sar l-ebda menzjoni fl-aggravju tas-socjeta' konvenuta appellanti tal-ezistenza ta' tali uzu kummercjali jew tal-pretenzjoni taghha illi hi kienet gustifikata illi takkredita lill-importatur bil-hlasijiet inkwistjoni bis-sahha tal-ezistenza ta' tali uzu kummercjali. Kien biss waqt it-trattazzjoni in sede appell illi,

indirettament fit-trattazzjoni, ssuggeriet l-ezistenza tal-possibbilita' ta' uzu kummercjali ta' din ix-xorta. Anke hawn dan l-allegat uzu kien biss suggezzjonat mis-socjeta' konvenuta appellanti. Ma ntalbet qatt minnha illi ggib l-prova ta' l-esistenza ta' tali uzu. Bhala fatt din il-Qorti tikkonstata illi anke fir-rikors ta' ritrattazzjoni, fejn l-aggravju hu bazat fuq is-subinciz (e) tal-artikolu 811 in kwantu hu allegat li saret applikazzjoni hazina tal-ligi – f'liema ligi wiehed jifhem li qed jigi iossa f'dan li stadju inkluz ukoll l-uzu tal-kummerc – minn imkien f'dak l-aggravju m'hemm riferenza ghall-ezistenza ta' tali uzu kummercjali. L-aggravju hu infatti kollu kemm hu bazat fuq l-allegat nuqqas ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1992 illi tapplika ghall-kaz in ezami disposizzjonijiet espressi ta' ligi sussidjarja illi skond is-socjeta' ritrattanda kellhom jigu applikati ghall-fatti taht ezami imma li fil-fatt ma gewx hekk applikati. Il-konkluzjoni tal-aggravju taht dan l-inciz kienet infatti hekk espressa :- "L-ebda wahda minn dawn il-ligijiet ma gew applikati minn din l-Onorabbli Qorti u di piu' l-konkluzjonijiet tal-istess Onorabbli Qorti huma dijametrikament kontra l-istess ligijiet li gew injorati ghal kollox.

(c) Stabbiliti li anqas fir-rikors ta' ritrattazzjoni ma hemm menzjoni ta' l-allegata ezistenza tal-uzu kummercjali identifikat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' Mejju 1994 u li wasslet ghar-revoka tas-sentenza precedenti tal-4 ta' Novembru 1992, din il-Qorti kif issa presjeduta ghandha r-riservi taghha kemm gie sewwa osservat id-

dispost tal-artikolu 816 tal-Kodici tal-Organisazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li meta raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi – f'dan il-kaz l-uzu - li kien missha giet applikata. Dan proprju ghaliex l-artikolu 3 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jipprovdi illi fl-affarijiet tal-kummerc tghodd il-ligi tal-Kummerc izda, fejn din il-ligi ma tiddisponix, jghodd l-uzu tal-kummerc u fin-nuqqas ta' dan l-uzu tghodd il-ligi civili.

(d) Din il-Qorti tqis inoltre illi in tema ta' ritrattazzjoni ta' kawza fi stadju ta' "in rescissorio" u cioe' meta l-Qorti tkun qieghda tghaddi biex tezamina mill-gdid il-kawza wara li s-sentenza antecedenti tkun giet imwarrba l-Qorti kellha hekk tikkonduci dan l-ezami fuq l-atti kif kienu migbura. Ma kellhiex allura jekk mhux eccezzjonalment tirrikjedi jew tippermetti l-produzzjoni ta' provi li ma kienux ingabu quddiem l-ewwel Qorti, f'dan il-kaz quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati jew fejn il-ligi hekk tippermetti quddiem il-Qorti fit-trattazzjoni tal-appell.

Din il-Qorti allura kif presjeduta tqis illi kien ghal kollox irritwali l-process kondott quddiemha in recissorio biex jingabru l-provi biex jigi stabbilit l-ezistenza ta' dak l-uzu kummercjali illi suppost il-Qorti Civili tal-Magistrati u din l-istess Qorti kellhom ikollhom quddiemhom meta gew biex jiddeciedu l-mertu. Dan proprju ghaliex jidher illi t-tezi tas-socjeta' ritrattanda fit-trattazzjoni kienet illi dawn iz-zewg qrati kien messhom applikaw dak l-uzu kummercjali. Uzu kummercjali li pero' mill-atti

quddiemhom la kien allegat li jezisti u wisq anqas kien hemm xi prova li kien jezisti. Anke jekk taht dan l-aspett biss it-talba tas-socjeta' ritrattanda ma setghatx tintlaqa' u kellha tigi mill-gdid konfermata bhala korretta s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati tal-4 ta' Novembru 1992 kif konfermata bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju 1993

(e) Ex abbundantia ghal din il-Qorti imbaghad tirribadixxi dak li ntqal aktar 'il fuq illi min jallega l-ezistenza tal-uzanza kummercjali in sostenn tat-talba jew tal-eccezzjoni tieghu kellu necessarjament jifformalizza tali pretensjoni u kellu jgib il-prova tal-ezistenza ta' dik l-usanza. A tempo debito l-usanza kummercjali kellha tirrizulta b'mod car u univoku apparti li kellha tingieb ukoll il-prova li dik l-usanza kienet konsistenti, generalment accettata bhala dak illi kellu normalment isir ghall-kondotta korretta tan-negozju, u dana fuq certu perjodu taz-zmien. L-uzu jista' jikkostitwixxi dritt anke bejn il-partijiet u mhux necesarjament u dejjem jirregola l-istess xorta ta' operazzjoni kummercjali bejn kull min kien interressat fl-istess generu ta' negozju pero' certament fejn hemm kontestazzjoni ma setax jigi krejat l-uzu. Anke jekk hu accertat li l-allegazzjoni hawn hi tal-ezistenza ta' konswitudini supplimentari tal-ligi u mhux konswitudini abrogattiva li testingwi d-dritt vigenti xorta wahda, biex jigi accettat illi tali konswitudini giet fis-sehh u kienet torbot lill-kontraenti, kellha tkun kostanti u pacifika ghall-perjodu taz-zmien mhux qasir (Vol. LXXVII.iv.342 ; Vol. LXXIII.iv.976).

Minn ezami tal-atti processwali jidher ukoll illi anke fuq dan il-livell is-socjeta' konvenuta, kif trattat l-appell wara r-revoka tas-sentenza kkontestata u meta nghatat l-opportunita' illi tipproduci provi dwar l-ezistenza tal-allegat uzu kummercjali, naqset fil-fehma ta' din il-Qorti li hemm taghmel.  Mhux biss ma jirrizultax illi ingiebet il-prova illi kien jezisti tali kummercjali bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici li minnu kien jidher xi akkwiexxenza da parti tal-attur nomine li jhallas it-tariffi tal-cranes f'din l-istanza reklamati – jirrizulta ghall-kuntrarju kontestazzjoni – imma lanqas ma gie provat li kien hemm xi konswetudini tacita jew espressa f'dak il-qasam tal-kummerc li kien jindika konsensus bejn l-importaturi li ghamlu tajjeb ghal tali klassijiet favur is-socjeta' konvenuta.  Ma jirrizulta l-ebda dokument li juri illi s-socjeta' attrici qatt hallset dawn l-ammonti jekk mhux taht protesta.  Is-socjeta' konvenuta esebiet biss numru verament zghir ta' ricevuti u dokumenti tal-port, mahrug favur terzi persuni li l-parti kbira minnhom kienu ghal zmien wara li nqalghet il-kwistjoni, fil-1989, u li allura huma ghal kollox inutili ghall-fini tal-prova tal-ezistenza tal-uzu kummercjali allegat.  Ir-ricevuti esebiti li jistghu jkunu relevanti imbaghad ikopru biss is-snin 1986 sa 89.  Zmien ferm ravvicinat ghal meta s-socjeta' attrici bdiet tirrezisti t-talba ghall-hlas.

Din il-Qorti waslet ghall-konvinciment allura illi anke li kieku l-provi dwar l-ezistenza o meno tal-allegat uzu kummercjali ingabu mis-socjeta'

konvenuta fil-mument gust in sostenn ta' xi eccezzjoni formali li hi tkun tat biex tikkontesta t-talba attrici, xorta wahda l-prova kienet tkun inefficjenti biex tistabbilixxi xi konswetudini cara u univoka li kellha tirregola l-kompartament bejn il-kontraenti.

Ghal dawn il-motivi l-appell tas-socjeta' konvenuta anke f'din it-tieni istanza qed jigi michud bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-4 ta' Novembru 1992 kkonfermata. L-ispejjez kollha kellhom ikunu a kariku tal-konvenut nomine appellant.

Dep/Reg

mg